**Minuti tas-sitta u erbgħin (46) laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju 2016 fil-5.30pm fis-Sala tal-Kommunita'.**

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Is-Sur Ivan Attard | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba, Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg u bdiet b'talba.

1.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 44 li saret nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar u tal-kontinwazzjoni tagħha li saret nhar it-Tlieta 2 ta' Frar ġew approvati mill-membri preżenti u iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li rċieva l-ittra tal-ħatra tiegħu fid-19 ta' April 2016.

Il-minuti ta' dawn iż-żewġ laqgħat ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti Odette Camilleri u ippreżentati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgħa li kellha ssir fid-29 ta' Frar tħassret peress li s-Segretarju Eżekuttiv infurmat inqas minn sagħtejn qabel li ma setgħetx tattendi. Saret laqgħa b'urġenza fl-4 ta' Marzu dwar il-ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li għadhom iridu jiġu approvati l-minuti ta' din il-laqgħa. Is-Sinjura Camilleri ser tiġi infurmata b'dan biex dawn il-minuti jkunu jistgħu jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

2. Punti Mqajma mill-Minuti

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

2.1 Rigward il-ħinijiet tax-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti Odette Camilleri, hu qal li mhux sodisfatt bir-risposta li ngħata min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dan peress li skont hu, is-Sinjura Camilleri naqset


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

milli tistaqsi lid-Dipartiment dwar kemm sigħat ta' xogħol għandha tagħmel fl-uffiċċju. Is-Sindku qal li huwa kien staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar x'ħinijiet qed taħdem u hi infurmat lill-Kunsill li hi taħdem bejn is-7.30am u t-3.30pm. Is-Sindku infurmaha li l-jum ta' qabel kien ġie l-Kunsill u fit-3.20pm kienet diġa' telqet. Għalhekk b'dawn il-ħinijiet kellha taħdem is-sena kollha u mhux tieħu n-nofs ta' nhari fix-xhur tas-sajf. Għalhekk, is-Sindku talab u l-Kunsill qabel li għandna niktbu lid-Direttur tal-Gvern Lokali biex naraw x'irid isir.

2.2 Għandna niċċekkjaw għalfejn il-*payment vouchers* tal-pagamenti li ġew approvati fil-laqgħa ta' Jannar 2016 ma ġewx iffirmati la mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, la minnu u lanqas minn Kunsillier ieħor. Huwa qal li kien ġibed l-attenzjoni tal-ex-Segretarju Eżekuttiv meta kienet għadha fil-kariga u nfurmatu li dawk li jintbagħtu maċ-ċekk m'hemmx għalfejn jiġu iffirmati u l-oħrajn li jżomm il-Kunsill kienu ġew iffirmati. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li r-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali jistipulaw li kull pagament li jsir għandu jkollu l-awtorizazzjoni tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv wara li jkun ġie approvat mill-Kunsill u għaldaqstant għandna naraw li din is-sitwazzjoni tiġi regolarizzata.

2.3 Rigward il-Quddiesa ta' Jum il-Fontana li ġiet iċċelebrata nhar it-Tlieta 1 ta' Diċembru 2015, is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jiċċekkja jekk il-Kappillan kienx tħallas tagħha peress li hu għandu informazzjoni li dan il-ħlas għadu pendenti. F'każ li hu hekk, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li l-ħlas tal-Quddiesa għandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-Kunsilliera kollha u dan peress li l-Kappillan ma jistax jipprovdi irċevuta għal dan is-servizz kif kienet infurmat lill-Kunsill l-ex-Segretarju Eżekuttiv.

2.4 Għandna nitolbu kjarifika dwar ir-risposta li l-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti rigward ix-xogħol ta' tindif u knis fi Trejqet ta' Wara d-Djar li hija *white road* u għaldaqstant taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li hu sorpriż bir-risposta li ngħata li ma setgħux jintbagħtu ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu x-xogħol ta' tindif neċessarju f'din it-triq. Dan għar-raġuni li fil-laqgħa tas-26 ta' Ġunju 2015 taħt it-titlu 'Korrispondenza' kien intqal mill-ex-Segretarju Eżekuttiv li s-Sindku mhux jimxi b'mod ġust meta ma bagħatx ħaddiema jaqgħu l-ħaxix fi Triq Mons. Mikiel Buttigieg, fl-*area* li għadha kollha blat u għalhekk ma taqax taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ġaladarba l-Kunsill mhux qed jidħol fi spejjeż żejda biex jagħmel dan ix-xogħol peress li l-ħaddiema li ġew inkarigati huma mpjegati mal-*Community Workers Foundation*, m'għandux ikun hemm problemi pero' għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex biex, safejn hu possibbli, ix-xogħol ta' tindif f'toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tiegħu jsiru mill-ħaddiema tiegħu.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.5 Għandna nissettjaw b'mod urġenti l-*floodlights* li hemm fuq is-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu'. Din il-materja diġa' tressqet fil-laqgħa tar-Reġjun.

Il-Kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward:

2.6 Ir-rapport annwali tal-Awditur Ġenerali rigward il-*performance* tal-Kunsilli Lokali għal matul is-sena 2014. Hu kien talab kopja tiegħu fil-laqgħa tal-Kunsill tad-29 ta' Jannar. Il-Kunsillier Horace Micallef informa lill-Kunsill li minkejja li dan ir-rapport intbagħat permezz ta' e-mail lill-Kunsilli Lokali kollha fil-bidu ta' Jannar, il-Kunsilliera ngħatatilhom kopja mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti fit-3 ta' Frar wara li nġibdet l-attenzjoni tal-ex Segretarju Eżekuttiv fil-laqgħa tal-Kunsill tat-2 ta' Frar. Hu qal li din mhix serjeta' li e-mails li jkunu daħlu l-Kunsill idumu ma jintbagħtu lill-Kunsilliera għal kważi xahar. Ser nieħdu nota ta' dan.

3. <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

3.1 Għal-laqgħa annwali tal-lokalita' li saret nhar it-Tnejn 29 ta' Frar 2016, attendiet persuna waħda. Minħabba li s-Segretarja tal-Kunsill ma kinitx preżenti għal din il-laqgħa peress li nfurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi inqas minn sagħtejn qabel bdiet l-istess laqgħa, ma nżammux il-minuti ta' dak li ġie diskuss. Il-persuna li attendiet talbet lill-Kunsill sabiex titwitta u titranġa Triq Mons. Mikiel Buttigieg minħabba li tinsab fi stat ħażin. Din il-persuna talbet ukoll sabiex tibda tirċievi l-korrispondenza li jibgħat il-Kunsill u dan peress li fil-blokka tal-*flats* fejn toqgħod hi qatt ma rċeviet xejn. Is-Sindku qal li ser jinforma lill-ħaddiema tal-Kunsill b'dan.

Fuq proposta tal-Kunsillier Horace Micallef, il-Kunsill qabel li għandna nirreferu din it-talba lis-Sur Mark Formosa, Direttur Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, biex naraw il-possibilita' li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tiegħu.

3.2 Wara li ġie ċertifikat mill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), ix-xogħol ta' tindif u rijabilitazzjoni fil-Wied tax-Xlendi fil-konfini tal-Fontana, ġiet ritornata l-garanzija bankarja ta' € 5600 li kien hemm mill-istess Awtorita'.

3.3 Hemm bżonn urġenti li jerġgħu jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Kappillan Ġ. Hili. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nirreferu dan il-każ lil Transport Malta sabiex ix-xogħol isir mill-aktar fis.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.4 Nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2016, hu flimkien mal-Kunsillier Horace Micallef attenda għal laqgħa organizzata mill-MEUSAC dwar opportunitajiet ta' finanzjament mill-fond tal-ERDF tal-Unjoni Ewropea għas-snin 2014-2020.

3.5 Matul ix-xahar ta' Marzu saret il-manutenzjoni meħtieġa tal-gwarniċ tan-niċċa storika tas-Salvatur billi nbidlet il-ħġieġa li kienet fi stat ħażin.

3.6 Nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016, hu flimkien mal-iskrivan Christopher Buhagiar attendew għal laqgħa ma' rappreżentanti tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) dwar proġett li qed iniedu bil-għan li jippruvaw iħeġġu lill-persuni bi bżonnijiet speċjali sabiex jibdew jieħdu taħriġ li jippreparahom għad-dinja tax-xogħol. Fl-istess ġurnata, is-Sindku flimkien mal-kunsillier Horace Micallef attendew għal Kunċert ta' mużika sagra fl-okkażjoni tal-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa li sar fis-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb Ta' Ġesu' mill-Kor *Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Dr. John Galea.

3.7 Nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2016, is-Sindku attenda laqgħa organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali dwar l-*ERDF on Low Carbon Economy and the Environment*. Din il-laqgħa saret fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex u kienet ippreseduta mill-Onorevoli Stefan Buontempo.

3.8 Nhar is-Sibt 9 ta' April 2016, is-Sindku attenda għal-laqgħa tal-kumitat reġjonali għal Għawdex li saret fil-Banca Giuratale.

3.9 Hemm bżonn li jixtraw ftit pjanti (petonji) biex isebbħu z-zuntier tal-Knisja Parrokkjali u l-belvedere ta' Triq Ta' Mulejja, fuq l-Għajn ta' Bendu u taħt ir-railing 'l isfel mill-Knisja. Il-Kunsill qabel li dawn il-pjanti għandhom jinxtraw.

3.10 Il-polza tal-assikurazzjoni tas-saħħa tas-Sindku, il-Kunsilliera u l-impjegat fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għadha ma ġietx imġedda minkejja li suppost dan sar sal-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2016. Is-Sindku qal li din il-polza ma ġietx imġedda minħabba li ċ-ċirkulari maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar dan is-suġġett baqgħet qatt ma tressqet fil-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li hu għandu xi *claims* pendenti li ma setax jippreżentahom lill-Assoċjazzjoni minħabba li din il-polza għadha ma ġietx imġedda. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser jiċċekkja mal-Assoċjazzjoni dwar jekk nistgħux inġeddu din il-polza issa u jekk il-polza tkoprix il-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru xorta waħda minkejja li l-pagament ser jiġi effettwat wara d-data tal-għeluq.

3.11 Is-sejħa ta' applikazzjoni għall-fondi Ewropej biex tiffinanzja proġetti ta' ġemellaġġi taħt il-programm *Europe For Citizens* għalqet fi Frar li għadda mingħajr qatt ma resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona u l-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Kunsill qabel li għandna nistennew is-sejħa li jmiss biex nippruvaw nissottomettu applikazzjoni għal dan il-fond bil-għan li l-Kunsill jiffirma ftehim ta' ġemellaġġ ma' lokalita' barranija. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li biex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi biex jagħmel ġemellaġġ ma' lokalita' barranija, trid tinġieb l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

3.12 Rigward il-ħamiem mitluq u marid fil-lokalita' ġie avviċinat Dr Mario Spiteri mill-*annimal welfare* fejn ġejna nfurmati illi biex l-Kunsill jeħles mill-problema tal-ħamiem, l-*annimal welfare* jġibu l-permessi kollha meħtieġa, waqt li l-Kunsill, wara li jinġiebu l-permessi neċessarji, jinforma lir-residenti biex jiġbru l-ħamiem tat-trobbija sabiex ta' l-*animal welfare* jkunu jistgħu jiġu jisparaw bl-*air guns* lill-ħamiem li hu mitluq. Il-Kunsill irid ukoll jaħseb sabiex ikun hemm pulizija ma ta' l-*animal welfare* għal li jista' jinqala' u li dan jiġi mħallas mill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li nagħmlu dan qabel ma jibda s-sajf. Il-membri qablu wkoll li għandu jintbagħat avviż lir-residenti kollha u jiġi indikat lil ta' l-*Animal Welfare* fejn qed iżomm il-ħamiem marid.

3.13 Hemm bżonn urġenti li jsir aġġornament tas-sit elettroniku (*website*) tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna niffirmaw ftehim mas-Sur William Sultana sabiex isir *web hosting* u manutenzjoni tas-sit elettroniku eżistenti kif kien sar qbil fuqu s-sena li għaddiet filwaqt li l-aġġornamenti kollha jsiru mill-iskrivan tal-Kunsill, is-Sur Christopher Buhagiar. Is-Sindku propona wkoll u l-Kunsill qabel li fuq dan is-sit, għandhom jitpoġġew il-fuljetti kollha li ippubblika l-Kunsill sa mit-twaqqif tiegħu biex iservu ta' għajnuna għal dawk li jkunu jixtiequ jagħmlu xogħol ta' riċerka fuq il-lokalita'.

3.14 Rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex is-sit tal-Għejjun jiġi devolut lill-Kunsill, għandna niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar fejn waslet it-talba tagħna.

3.15 Hemm bżonn li nixtru bandla żgħira tat-tfal minflok dik li nkisret fil-festa tas-sena li għaddiet u li minkejja li l-Kunsill qabel li kellha tinxtara waħda wara l-festa 2015, din baqgħet qatt ma nxtrat. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lis-Sur Mario Mallia sabiex iwaħħal din il-bandla.

3.16 Hemm bżonn li jsiru żewġ tappieri tal-armar tal-festa li hemm quddiem l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-ħaddiema assenjati magħna sabiex jagħmlu dan ix-xogħol ta' manutenzjoni mill-aktar fis.

3.17 Hemm bżonn li ssir plakka bl-isem 'Trejqet il-Harrub' peress li dik li kien hemm ilha aktar minn sena li nkisret u baqgħet qatt ma tranġat minkejja li din kienet

approvata mill-Kunsill. Din il-plakka kienet diġa' ġiet approvata xi żmien ilu mil-laqgħa tal-Kunsill iżda baqgħet ma saritx. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.18 Hemm bżonn li titranġa tabella mgħaffġa fi Pjazza l-Għejun 'l fuq mill-Għajn il-Kbira. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-ħaddiema assenjati magħna sabiex jagħmlu dan ix-xogħol ta' manutenzjoni.

3.19 Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nibagħtu ittra lill-Ministeru għal Għawdex rigward il-proġett ta' tindif u rijabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi, liema proġett sar b'finanzjament mill-Kunsill Lokali tal-Fontana. Dan għar-raġuni li minkejja li kien hemm qbil li dan il-proġett kellu jsir minn fondi tal-programm Eko-Għawdex, il-fondi qatt ma ngħataw minħabba li x-xogħol ħa aktar żmien milli miftiehem biex seta' jitlesta minħabba li l-MEPA riedet tagħmel *method statements* ġodda għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li għandna naraw il-possibilita' li l-Ministeru għal Għawdex jirrimborsa lill-Kunsill parti mill-ispejjeż li saru biex ġie rijabilitat dan il-Wied li huwa sit ta' Natura 2000.

3.20 Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna norganizzaw kors tal-bexx lill-bdiewa tal-lokalita' tagħna. Dan peress li dan il-kors ilu li ġie approvat u baqa' ma sarx. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mas-Sur Mario Salerno biex naraw il-possibilita' li dan il-kors jiġi organizzat matul is-sajf li ġej fis-Sala tal-Komunita'.

3.21 Is-Sindku qal li hemm bżonn urġenti li jitneħħew il-*wires* tat-telefon li hemm fi Triq is-Sajjieda fin-naħa ta' fuq minħabba li qed joħolqu inkonvenjent kbir lir-residenti. Huwa propona u l-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lill-kumpanija *GO plc* sabiex tagħmel ix-xogħlijiet neċessarji.

3.22 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm bżonn li niċċekkjaw rigward il-każ ta' Josephine Borg li fis-snin li għaddiew tat servizz lill-Kunsill bħala preżentatriċi waqt iċ-ċerimonja ta' Jum il-Fontana li tiġi organizzata f'Diċembru. Is-Sindku qal li, minn informazzjoni li għandu, is-Sinjura Borg qatt ma tħallset ta' dan is-servizz. Fid-dawl ta' dan, huwa propona u l-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw magħha dwar il-ħlas li qed titlob għal dan is-servizz biex dan il-każ jingħalaq.

3.23 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien li tiġi organizzata ħarġa Malta għal dawk interessati li jipparteċipaw. Huwa propona u l-Kunsill qabel li din l-attivita' kulturali għandha ssir nhar il-Ħadd 15 ta' Mejju u l-ħlas ta' parteċipazzjoni ikun ta' € 3 għar-residenti tal-Fontana u € 6 għal persuni minn barra r-raħal. Il-ħlas għandu jsir fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u ser jintbagħat avviż lir-residenti kollha.

3.24 Is-Sindku informa lill-Kunsill li rċivejna korrispondenza mingħand is-Sur Bradley Agius mill-Ministeru għall-Implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali u l-Fondi


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Ewropej fejn infurmana li l-*final project report* tal-proġett 'Improving Countryside walks in Fontana' li sar b'finanzjament mill-programm *Leader* tal-Unjoni Ewropea ma ġiex sottomess sal-aħħar ta' Marzu u kien hemm ċans li l-fondi li ġew allokati lill-Kunsill fuq dan il-proġett ikollhom jiġu ritornati lura. Is-Sindku Saviour Borg ċaħad kategorikament l-allegazzjonijiet li għamlet l-ex-Segretarju Eżekuttiv Odette Camilleri f'e-mail li bagħtet lis-Sur Agius fejn din infurmatu li s-Sindku ma tax l-informazzjoni li kellu jagħti biex hi setgħet tipprepara dan ir-rapport. Is-Sindku qal li hu dejjem ta l-informazzjoni li kien jaf lil kull Segretarju Eżekuttiv li serva fil-Kunsill Lokali tal-Fontana sa mit-twaqqif tiegħu u qal li mhux ġust li saru dawn il-kummenti fil-konfront tiegħu. Is-Sindku saħansitra informa lill-ex-Segretarju Eżekuttiv bid-data ta' meta sar dan ix-xogħol. Is-Sindku irringrazzja lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard li fi żmien daqstant qasir mill-ħatra tiegħu, ipprepara dan ir-rapport li ser jiġi sottomess mill-aktar fis biex dan il-proġett ikun uffiċjalment magħluq.

3.25 Rigward l-Iskema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Niċeċ u Postijiet Storiċi Żgħar li minnha l-Kunsill Lokali tal-Fontana kien ibbenefika fi żmien amministrazzjoni preċedenti, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk eventwalment il-Kunsill irċeviex il-fondi għax-xogħol li twettaq. Dan għar-raġuni li l-Kunsill qatt ma ġie infurmat b'dan fil-laqgħat tal-Kunsill. Dan peress li x-xogħol fuq in-niċċa tal-Kunċizzjoni ħa aktar żmien minn dak pjanat biex tlesta. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja dwar din il-materja.

3.26 Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ biex naraw jekk l-ex-Segretarju Eżekuttiv issottomettietx *termination form* kif inhu stipulat fil-Liġi. Dan sabiex ma jkunx hemm anomalija dwar min fil-verita' qed jokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Fontana. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja dwar din il-materja.

3.27 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm bżonn li jitwaħħal *litter bin* ġdid fi Triq Ta' Mulejja. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir u li possibilment jiġi iffinanzjat mill-*Urban Improvement Fund* amministrat mill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA).

3.28 Is-Sindku informa lill-Kunsill li rċieva talba mingħand is-Sur Simon Micallef sabiex il-Kunsill jikkollabora miegħu fl-inizjattiva li qed jieħu biex jikkompeti fil-*Malta Records* għall-isbaħ dar imżejna minn barra għall-jiem tal-festa titulari. Il-Kunsillier Horace Micallef iddikjara kunflitt ta' interess fuq din il-materja u rtira mil-laqgħa. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora mas-Sur Micallef f'din l-inizjattiva bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 185. Il-Kunsill qed jagħmel dan għax jemmen li tali inizjattiva tgħin biex tippromwovi l-arti u l-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

kultura fil-lokalita' tal-Fontana u b'mod partikolari fil-jiem tal-festa adunur il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

*Materji oħra mressqa mill-Kunsilliera*:

Mill-Kunsillier Mario Mercieca:

3.29 Talba għan-nom tal-Għaqda Armar Fontana għall-approvazzjoni sabiex isiru għaxar toqob għall-antarjoli tal-festa fi Triq Għajn Tuta. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata l-approvazzjoni biex isiru dawn it-toqob bil-kundizzjoni li l-Għaqda Armar Fontana takkwista l-permessi neċessarji min-naħa tat-*Trenching Department*.

3.30 Talba sabiex isir poġġaman mal-bankina ta' 'Mary Meilak Flats', Triq il-Kappillan Ġ. Hili, Fontana. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

Il-Kunsillier Mario Mercieca irtira mil-laqgħa fis-6.30pm minħabba raġunijiet personali.

5. <u>Approvazzjoni tal-*audited financial statements* għas-sena 2015</u>

Is-Sindku ta *ruling* sabiex l-approvazzjoni tal-*audited financial statements* għas-sena finanzjarja li għalqet nhar il-31 ta' Diċembru 2015 tiġi diskussa issa u dan peress li kien hemm preżenti għal-laqgħa l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea.

Is-Sur Galea spjega lill-Kunsill li l-*financial statements* li ġew approvati mill-Kunsill fi Frar li għadda kellhom jiġu riveduti kif inhi l-prassi wara li sar l-*audit* tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 13 ta' April. Huwa spjega lill-Kunsill li l-awdituri tal-Kunsill għaddew tliet aġġustamenti li huma kollha relatati mal-proġett tal-Wied tax-Xlendi. L-awdituri irrimarkaw li x-xogħol relatat ma' dan il-proġett kien jikkonsisti f'*upgrading* u tindif tal-wied u għalhekk, skont huma, ma jistax jiġi ikklassifikat bħala proġett kapitali. Minħabba f'hekk, il-proġett kollu ġie ikklassifikat bħala spiża rikurrenti tal-Kunsill għas-sena 2015. L-accountant tal-Kunsill spjega li minkejja dan kollu, il-Kunsill Lokali tal-Fontana xorta waħda spiċċa s-sena 2015 b'bilanċ finanzjarju ta' € 133,000 li huwa prattikament l-istess ammont li kellu fis-sena 2014. Is-Sur Galea irtira mil-laqgħa.

Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill approva unanimament l-*audited financial statements* għas-sena 2015 u dawn ser jintbagħtu lill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, lill-awdituri tal-Kunsilli u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skont kif jistipula Memo 03/2016 maħruġ mill-istess Dipartiment.

3. Materji oħra mressqa mill-Kunsilliera (kontinwazzjoni)

Mill-Viċi Sindku Victor Cefai:

3.30 Ilment mir-residenti rigward volum qawwi ta' traffiku fi Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Dan qed joħloq inkonvenjent kbir għar-residenti tal-lokalita'. Il-Viċi Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nagħmlu laqgħa ma' Transport Malta li fiha niġbdu l-attenzjoni ta' din l-Awtorita' rigward din il-problema u nippruvaw nilħqu ftehim sabiex meta Triq ir-Repubblika tkun magħluqa għal xi xogħlijiet, ma tingħalaqx ukoll it-Triq ta' Wara s-Sur.

3.31 Ilment mir-residenti rigward *loading/unloading sign* li sar riċentament minn Transport Malta fi Triq il-Kappillan Ġ. Hili. Il-Viċi Sindku spjega li dan is-sinjal tat-traffiku sar skont il-Liġi bl-awtorizazzjoni ta' Transport Malta u qiegħed hemm għall-benefiċċju tar-resident li talab għalih. Il-Viċi Sindku innota wkoll li hemm il-ħinijiet ta' xħin jista' jintuża dan is-sinjal.

3.32 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn li jsir xogħol urġenti ta' *patching* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u jsiru *traffic calming measures* minħabba l-ammont qawwi ta' traffiku li jgħaddi minn din it-triq. Is-Sindku qal li ser ninkarigaw lill-Perit Anthony Bezzina, il-Perit tal-Kunsill, sabiex jinkludi dawn it-*traffic calming measures* fl-istima li għamel għax-xogħol ta' *patching* f'din it-triq, liema stima ser titressaq għad-diskussjoni aktar tard matul din il-laqgħa.

Mill-Kunsillier Horace Micallef:

3.33 Ilment rigward tabella li għandha l-*persprex* miksur ħdejn l-Għajn il-Kbira. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu dan il-każ lis-Sur Mark Formosa, Direttur Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, bil-għan li x-xogħol ta' manutenzjoni meħtieġa jsir mill-ħaddiema tal-istess Direttorat.

3.34 Talba li qed iressaq għan-nom ta' diversi residenti sabiex jitpoġġew żewġ *doggy bins*, wieħed fi Triq Għajn Tuta u ieħor fi Triq Wied Siekel. Ser niċċekkjaw jekk dawn jistgħux isiru minn fondi tal-*Urban Improvement Fund* tal-MEPA.

3.35 Talba sabiex jinqata' ftit qasab fil-Wied tax-Xlendi. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu dan il-każ lis-Sur Mark Formosa, Direttur Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, bil-għan li x-xogħol ta' manutenzjoni meħtieġa jsir mill-ħaddiema tal-istess Direttorat.

3.36 Il-Kunsillier Horace Micallef informa lill-Kunsill li matul ix-xahar ta' Frar li għadda, attenda għal laqgħa fi Spanja dwar il-proġett AC4ACP li huwa proġett li fih l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali hija *partner* ewlenija.

3.37 Talba minn diversi residenti sabiex tiġi organizzata ġita ta' ġurnata fi Sqallija matul ix-xahar ta' Lulju. Il-Kunsill qabel li din il-ġita kulturali għandha ssir u ser nibdew il-preparamenti meħtieġa.

3.38 Sabiex jiġu installati CCTV cameras fil-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku infurmah li diġa' iltaqa' mal-inġinier Mario Curmi dwar dan sabiex jagħmlu stima ta' dawn il-cameras u jħejju l-ispecifications sabiex tinħareġ kwotazzjoni għall-provvista u installazzjoni ta' dawn il-cameras tas-sigurta'. Dawn diġa' kien hemm qbil fuqhom mill-Kunsill f'mozzjoni li tressqet xi xhur ilu mill-Kunsillier Horace Micallef.

3.39 Sabiex tiġi installata xi għamara tat-triq (*street furniture*) fil-Wied tax-Xlendi. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perit Anthony Bezzina sabiex jipprepara stima ta' dan ix-xogħol biex tkun tista' titressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss. Dawn diġa' kien hemm qbil fuqhom mill-Kunsill f'mozzjoni li tressqet xi xhur ilu mill-Kunsillier Horace Micallef.

4. <u>Qari tal-Korrispondenza</u>:

4.1 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jitolbu informazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali dwar xi pjan għandu l-Kunsill li jagħmel *resurfacing* ta' toroq għat-tliet snin li ġejjin u kemm għandu fondi ivvutati għalihom. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lid-Dipartiment li l-pjan li għandu l-Kunsill Lokali tal-Fontana huwa li jiġu *resurfaced* Triq il-Għajn u l-aħħar ħamsa u tletin metru ta' Triq John Gaspard Le Marchant.

4.2 Parir legali mingħand l-Avukat Dr. Jean Paul Grech rigward l-appell li fetħet il-kumpanija Gozo Concrete Products kontra l-Kunsill Lokali tal-Fontana. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li din il-materja għandha titressaq għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

4.3 E-mail mingħand il-kumpanija Solar Engineering li fiha qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jagħmlu *full check-up* tal-pannelli fotovoltajiċi li huma installati fuq il-bejt taċ-ċentru ċiviku. Din il-kumpanija lesta tagħmel dan għall-ħlas ta' € 50 għal kull *check-up* jew ħlas ta' € 200 għal perjodu ta' ħames snin. Is-Sindku qal li xhur ilu kienet inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm xi pannelli miksurin u għaldaqstant, il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-istess kumpanija sabiex tiċċekkja l-pannelli ħalli possibilment issir il-manutenzjoni neċessarja.

4.4 E-mail mingħand il-Perit Clint Camilleri, *senior manager* ta' Transport Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li Transport Malta ma ssibx oġġezzjoni li jsir


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

*communal disabled parking* fi Triq il-Għajn. Il-Kunsill innota li dan ix-xogħol kien diġa' sar.

4.5 E-mail mingħand Silvio Frendo, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol f'toroq li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilita' tiegħu.

Is-Sindku qal li l-Assistent Direttur kien sgwidat fuq din il-kwistjoni u saħaq li l-ex Segretarja qatt ma ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar dan meta ġew preparati l-estimi annwali għas-sena 2015 u ġew ivvutati l-fondi għal dawn it-toroq u r-rapport annwali amministrattiv tas-sena 2015. Barra minn hekk, twettaq u tħallas ix-xogħol ta' bini ta' *retaining wall* ta' ħamsa u tletin metru fi Triq John Gaspard Le Marchant u l-ex-Segretarja talbet ukoll laqgħa mal-Perit Toni Bezzina biex issir l-istima għal dan ix-xogħol tat-toroq biex ikunu jistgħu jiġu ivvutati fl-estimi annwali ta' dan is-sena u attendiet ukoll għal-laqgħa mal-Perit Toni Bezzina flimkien mas-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef. Is-Sindku staqsa dwar x'inhi r-raġuni għalfejn din l-email intbagħtet ftit ġranet qabel tefgħet ir-riżenja tagħha. Barra minn hekk, sar ukoll it-tindif u r-rijabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi.

Rigward ix-xogħol ta' asfaltar ta' parti minn Triq il-Għajn u l-aħħar ħamsa u tletin metru ta' Triq John Gaspard Le Marchant, is-Sindku qal li għandu jintalab il-permess tad-Dipartiment Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol. Il-kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu laqgħa mal-Onorevoli Ministru Dr. Anton Refalo biex naraw jekk dan ix-xogħol hux fil-pjan tal-Gvern Ċentrali u jekk le, dan isir min-naħa tal-Kunsill wara li jkun iffirmat ftehim mal-istess Ministeru. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innota li għandna naraw li hemm biżżejjed flus biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol.

4.6 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed tinforma lill-Kunsilli li l-laqgħa annwali tas-Sindki u l-Viċi Sindki ser issir nhar il-Ġimgħa 6 u s-Sibt 7 ta' Mejju fil-lukanda Calypso f'Marsalforn. Għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Fontana ser jattendu s-Sindku Saviour Borg u l-Viċi Sindku Victor Cefai.

4.7 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed jistaqsu lill-Kunsilli Lokali jekk jixtiqux iġeddu l-*Group Health Insurance Policy* għall-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsilli Lokali. Din il-polza tibda mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016. Din il-materja diġa' ġiet diskussa aktar kmieni matul din il-laqgħa u l-Kunsill qabel li għandna nġeddu din il-polza.

4.8 Memo 7/2016 maħruġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolat 'Rapporti pubbliċi fuq www.lc.gov.mt'. Il-Kunsill innota l-kontenut.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

4.9 Ittra mill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) rigward il-proċeduri ġodda li ser jibdew jintużaw f'każijiet ta' rimi ta' skart goff (bulky refuse). L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard propona sabiex tintgħażel ġurnata waħda fil-ġimgħa li matulha jkun jista' jingħata dan is-servizz fil-lokalita' biex hekk is-sistema tkun tista' timxi mingħajr problemi.

4.10 Memo 8/2016 maħruġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolat 'Vat u Performance Guarantee'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.11 E-mail mingħand Elaine Lenzo, rappreżentanta tal-Bank Ċentrali ta' Malta, li fiha qed tistaqsi lill-Kunsill jekk hux interessat li jorganizza taħdita lir-residenti bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar kif jingħarfu l-karti foloz tal-Ewro. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza din is-sessjoni fis-Sala tal-Komunita' għall-benefiċċju tar-residenti.

4.12 Memo 9/2016 maħruġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolat 'Migrazzjoni sħiħa għall-akkwist elettroniku (electronic public procurement system – ePPS).' F'dan il-memo, id-Dipartiment qed jeżiġi li b'effett mill-Ġimgħa 1 ta' April, il-Kunsilli Lokali kollha huma obbligati li jippubblikaw is-sejħiet għall-offerti kollha permezz tas-sistema elettronika (ePPS). Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.13 Memo 10/2016 maħruġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolat 'Aġenda, Minuti u Skeda ta' Pagamenti'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.14 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed tistieden rappreżentanza mill-Kunsilli Lokali sabiex tattendi għal konferenza dwar il-proġett AC4ACP li ser issir nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju fil-Plaza Hotel, Tas-Sliema Malta. Għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Fontana ser jattendi l-kunsillier Horace Micallef.

4.15 E-mail mingħand Angela Vella, *Lifelong Learning Programme Coordinator,* li fiha qed tistaqsi lill-Kunsill dwar jekk jistax jospita l-korsijiet tal-Macramé, Ladies and Gent Garments u l-Ganutell fis-sala tal-Komunita' matul ix-xhur bejn Ottubru 2016 u Mejju 2017. Dawn ser isiru kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Tlieta f'ħinijiet differenti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

4.16 E-mail mingħand il-Perit Anthony Bezzina li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-istima għax-xogħol ta' *patching* fi Triq il-Kappillan Ġ. Hili tammonta għas-somma ta' € 5815.96c. Il-Kunsill innota din l-istima. Il-Kunsill innota wkoll li din l-istima ma tinkludix it-*traffic calming measures* u għaldaqstant ser nitolbuh jinkludihom.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

4.17 E-mail mingħand il-Perit Anthony Bezzina li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-istima għax-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Għajn (bejn Triq il-Qalb ta' Ġesu' u Pjazzetta Fuq it-Tomba) tammonta għas-somma ta' € 40,940.95c. Il-Kunsill innota din l-istima.

4.18 E-mail mingħand il-Perit Anthony Bezzina li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-istima għax-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Għajn (minn Triq il-Kappillan Ġ. Hili sa Triq il-Qalb ta' Ġesu') tammonta għas-somma ta' € 57,469.79c. Il-Kunsill innota din l-istima.

Rigward ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Għajn, il-Kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li meta jasal iż-żmien li jibda dan ix-xogħol, għandha tinħareġ tender waħda li tkopri x-xogħol kollu.

4.19 E-mail mingħand il-Perit Anthony Bezzina bil-pjanta proposta taz-*zebra crossing* fi Triq il-Kappillan Ġ. Hili. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

4.20 Ittra mingħand il-Kappillan Dun John Muscat li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-organizazzjoni tal-Festa Tfal li ser issir nhar il-Ħadd 5 ta' Ġunju 2016 mill-5.30pm 'il quddiem fuq iz-zuntier tas-Santwarju Parrokkjali tal-Fontana. Il-Kunsill aċċetta din it-talba billi jħallas l-ispejjeż konnessi mal-*bouncy castle* u l-logħob tat-tfal.

4.21 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali għall-fatt li għadhom ma nfetħux iż-żewġ *merchant accounts* mal-HSBC u l-Bank of Valletta bil-għan li jkun jista' jsir il-ħlas għall-permessi tal-krejnijiet *online*. Dawn il-*merchant accounts* suppost li ġew miftuħa fis-sena 2013 iżda sal-lum jirriżulta li dawn qatt ma ġew miftuħa. Il-Kunsill qabel li dawn il-*merchant accounts* għandhom jinfetħu mill-aktar fis biex hekk inkunu konformi mad-direttivi mogħtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4.22 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jistieden rappreżentanza mill-Kunsill sabiex tattendi għal laqgħa ta' informazzjoni dwar il-proġett *Meludia* li huwa programm *online* ta' tagħlim u għarfien mużikali. Din il-laqgħa ser issir nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju mit-3.00pm sal-4.00pm fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.23 Memo 11/2016 maħruġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolat 'Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.24 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali dwar sejħa ġdida għal proġetti iffinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea li ser tiftaħ fil-jiem li ġejjin bit-tema 'Shifting towards a low-carbon economy' u


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

'Protecting our environment – investing in natural and cultural assets'. Dawk il-Kunsilli Lokali li huma interessati jissottomettu xi proposta għandhom jagħmlu dan sal-Ġimgħa 27 ta' Mejju biex tiġi diskussa l-eliġibilita' tagħha qabel timtela l-applikazzjoni. Fuq proposta tal-kunsillier Horace Micallef, il-Kunsill qabel li għandna nitolbu aktar informazzjoni dwar liema tip ta' proġetti jaqgħu taħt din is-sejħa għall-fondi.

4.25 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex fil-lejl tal-11 u t-12 ta' Mejju jixegħlu l-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv b'dawl blu bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar il-kundizzjonijiet tal-ME, CFS u Fibromyalgia. Il-Kunsill qabel li għandna nipparteċipaw f'din l-inizjattiva billi nixegħlu l-inħawi tal-Għejun b'dawl blu. Ser ninkarigaw lil Chris Gauci biex jieħu ħsieb din il-materja.

4.26 E-mail mingħand Victoria Gatt, l-*instructor* tal-lezzjonijiet taz-zumba, li fiha qed titlob il-permess tal-Kunsill sabiex tkun tista' tuża s-sala tal-komunita' kull nhar ta' Erbgħa matul ix-xahar ta' Mejju bejn is-7.15pm u t-8.15pm. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

4.27 E-mail mingħand Marthese Baldacchino, Segretarja tal-Kumitat tal-UIF, li fiha qed tinforma lill-Kunsill li l-bilanċ ta' flus li fadal għad-dispożizzjoni tal-Kunsill minn dan il-fond huwa ta' € 4660.56c. Fuq proposta tas-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef, il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mas-Sinjura Baldacchino biex naraw il-possibilita' li minn dan il-fond jiġu iffinanzjati erba' *litter bins* għal Triq John Gaspard Le Marchant u Triq Kardinal Alessandro Franky, *litter bin* għal Triq Ta' Mulejja, bandla tat-tfal għall-*playing field* u żewġ *doggy bins* għal Triq Għajn Tuta u Triq Wied Siekel.

4.28 E-mail mingħand Amanda Cassar, rappreżentanta tad-Dipartiment tal-Kummerċ, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali li għadhom kemm fetħu l-applikazzjonijiet għall-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2016. L-applikazzjonijiet għal dan il-premju għandhom jaslu fid-Dipartiment tal-Kummerċ sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju f'nofsinhar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.29 Parir legali mingħand l-Avukat Dr. Jean Paul Grech rigward il-kwistjoni pendenti marbuta mal-ġbir ta' skart goff fil-lokalita'. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa aktar tard matul din il-laqgħa wara li l-Kunsill ikun iltaqa' ma' Dr. Grech innifsu.

4.30 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed tistieden rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali sabiex jattendu għal laqgħa tal-proġett AC4ACP li ser issir fi Praga, ir-Repubblika Ċeka, nhar il-Ħamis 2 u l-Ġimgħa 3 ta' Ġunju 2016. L-applikazzjonijiet mingħand dawk il-Kunsilliera interessati li jipparteċipaw

jintlaqgħu mil-lum il-Ħamis 5 ta' Mejju sat-Tnejn 9 ta' Mejju 2016. Ġie innotat li ħadd mill-Kunsilliera tagħna ma jista' jattendi għal din il-laqgħa peress li d-dati tagħha jaħbtu mas-Solennita' Liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu', titular tal-Parroċċa.

4.31 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin li f'każijiet ta' rappurtar ta' ħsarat tad-dawl tat-toroq, għandhom jibqgħu jużaw is-servizzi tal-kumpanija Galea Curmi Engineering Consultants kif dejjem ġara sa issa sabiex tkun din il-kumpanija li tinsisti f'isem il-Kunsilli Lokali dwar kull ħsara simili. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.32 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin li f'każijiet urġenti ta' xiri ta' lantern jew arbli ġodda għad-dwal tat-toroq, għandhom jiġbru kwotazzjonijiet mingħand il-kuntratturi rispettivi li oriġinarjament rebħu l-offerta biex mingħandhom inxtraw il-lanterni biex inbiddlu d-dwal tat-toroq ta' Għawdex kollu minn dak SON għal dak LED. Dan isir sakemm tinħareġ l-offerta għal *Period Contract* mill-istess Reġjun. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.33 E-mail mingħand Noel Formosa, Sindku tal-lokalita' ta' San Lawrenz, li fiha qed jistieden lill-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex jipparteċipaw fis-suq artiġġjanali li ser isir fil-lokalita' tiegħu nhar il-Ħadd 12 ta' Ġunju mit-8.00am sas-1.00pm. F'din l-attivita' ser ikun hemm stands ta' ikel tipiku Għawdxi b'attrazzjonijiet ta' logħob għat-tfal u stands ta' artiġġjanat tipiku Għawdxi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.34 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jistieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tattendi għal laqgħa dwar l-introduzzjoni tal-*organic bag* li ser issir fis-sala tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2016 fl-10am. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4.35 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun ġiet diskussa l-proposta dwar ħruġ ta' Offerti Reġjonali f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex. L-għan ta' din il-proposta hu li r-Reġjun Għawdex, bl-approvazzjoni tal-Kunsilli Lokali kollha, jibda joħroġ offerti li jkopru l-gżira ta' Għawdex kollu u li x-xogħlijiet li jsiru f'kull lokalita' jew l-oġġetti u s-servizzi li jinxtraw bl-istess offerti jitħallsu mill-Kunsilli Lokali rispettivi. Is-Sur Refalo qed jitlob lill-Kunsill sabiex jissuġġerixxi lir-Reġjun liema huma dawk l-oqsma li għalihom iħoss li jekk tinħareġ offerta reġjonali jkun aktar vantaġġjuż mill-i*statut quo*.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Rigward din il-materja, il-Kunsill qabel li għandna niktbu lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun fejn nuruh in-nuqqas ta' qbil tagħna għal dak li qed jiġi propost minħabba li tali sistema, jekk tiġi implimentata, timmina fost l-oħrajn l-awtonomija tal-Kunsilli Lokali.

Ilmenti mir-residenti:

4.36 Talba mingħand Christopher Farrugia ta' 39, Triq l-Isptar San Ġiljan, sabiex titneħħa l-mera li hemm imwaħħla mal-propjeta' tiegħu. Dan peress li skont hu, din il-mera m'għadhiex tintuża. Il-Kunsill innota li din il-mera diġa' tneħħiet.

4.37 Talba mingħand Joseph Tabone ta' San Andrea Court, Shop C, Triq tal-Għajn, sabiex jerġa' jinżebagħ is-sinjal *loading/unloading* fl-istess triq minħabba li iċċara. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li dan ix-xogħol diġa' sar min-naħa tar-*Roads Department* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

4.38 Talba mingħand Vince Farrugia ta' 'Rustica', Triq il-Għajn, sabiex il-bankina ta' quddiem il-garaxx tiegħu tinbidel f'rampa biex ikun jista' idaħħal il-karozza. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li dan ix-xogħol diġa' tlesta.

4.39 Talba mingħand Grace Cardona ta' 64, Triq l-Isptar San Ġiljan, sabiex il-pjanti tas-Sur Christopher Farrugia jitneħħew billi qegħdin jostakolaw il-passaġġ tal-bankina. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mas-Sur Farrugia biex naraw kif nistgħu nsolvu din il-problema.

4.40 Talba mingħand Jeremy Cassar ta' 'Fontana Cottage', Triq il-Għajn, sabiex il-bollards ta' quddiem il-Fontana Cottage jitmexxew iżjed 'il fuq. Dan għaliex ix-xarabanks qed ikollhom problemi sabiex irekknu fl-ispazju tal-parking u saħansitra hemm każijiet ta' ħsara. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

4.41 Talba mingħand Mons. Rużar Borg ta' 67, Triq l-Isptar San Ġiljan, sabiex il-mera li kien hemm quddiem ir-residenza tiegħu terġa' titpoġġa sabiex ikun jista' joħroġ il-karozza minn ġol-garaxx mingħajr l-ebda periklu. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nitkellmu ma' Monsinjur Borg biex naraw kif nistgħu insolvu din il-kwistjoni.

4.42 Suġġeriment mingħand Charmaine Vella ta' 'Marvic', Triq San Xmun, Xlendi, sabiex isiru *traffic lights* jew *stop sign* ikbar fi Triq il-Għajn, int u ġej minn Pjazza Santu Wistin. Il-Kunsill ma aċċettax dan is-suġġeriment u minflok qabel li għandna nitolbu lir-*Roads Department* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmlu xogħol ta' *refreshing* tas-sinjali f' Triq il-Għajn.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

4.43 Talba mingħand Maria u George Cassar ta' 17, Triq il-Kappillan Ġ. Hili, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

4.44 Talba mingħand xi residenti sabiex issir *no left turn sign* hekk kif toħroġ mill-mina ta' Triq is-Sajjieda billi qed ikun hemm min jikser fuq ix-xellug u jpoġġi lilu nnifsu u lil min ikun tiela' 'l fuq fil-periklu. Il-Kunsill aċċetta din it-talba u iddeċieda li dan is-sinjal għandu jeħel mal-mera. Ser nirreferu dan l-ilment lill-Ministeru għal Għawdex.

4.45 Talba mingħand Simon Camilleri ta' 'Bersim', Triq il-Qalb ta' Ġesu', sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

6. <u>Approvazzjoni tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart riċiklabbli mal-GreenMT</u>

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta lill-Kunsill kopja *draft* tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart riċiklabbli mal-kumpanija GreenMT.

F'dan il-kuntratt hemm imniżżel li l-Kumpanija GreenMT ser tibqa' tħallas il-kollezzjoni tal-iskart separat, ser toffri boroż griżi biex jitqassmu lir-residenti, tibqa' issir il-kollezzjoni tal-ħġieġ darba fix-xahar u li l-kollezzjoni tibqa' titħallas mill-GreenMT iżda mhu ser joffru ebda ħlas għal ġbir ta' kull tunnellata skart li tiġi depożitata fil-Wasteserv.

L-Aġent Segretarju tal-Kunsill ġibed l-attenzjoni li dan il-ftehim għandu jkopri perijodu ta' tliet snin skont direttivi mogħtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku Saviour Borg innota li jeżistu xi nuqqasijiet f'dan il-kuntratt fosthom li ma jispeċifikax kemm-il darba ser tingħata s-somma ta' € 250 lill-Kunsill biex tintuża għal stampar u avviżi informattivi ġo pubblikazzjonijiet u li għadhom jissemmew il-*bring-in-sites* meta dawn kienu tneħħew xhur ilu. Il-Kunsill qabel li ma kienx se juża *bring-in-sites.*

Wara diskussjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nagħtu kopja ta' dan il-kuntratt lill-avukat Dr. Jean Paul Grech LLD sabiex jeżamina dawn il-materji u imbagħad issir laqgħa finali mal-amministraturi ta' din il-kumpanija biex jiġi iffimat dan il-ftehim.

Peress li kien sar il-ħin tat-8.30pm u skont il-Liġi l-laqgħa tal-Kunsill ma tistax iddum aktar minn tliet sigħat mingħajr il-qbil unanimu tal-Kunsill, is-Sindku

Saviour Borg talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-laqgħa tkun tista' titkompla kemm hemm bżonn minħabba li kien fadal xi xogħol li jrid jiġi deċiż peress li l-Kunsill kien ilu tliet xhur ma jiltaqa'. Il-Kunsilliera qablu unanimanent li ma jsirx aġġornament u għaldaqstant, il-laqgħa tkompliet.

7. Approvazzjoni tal-pagamenti

Is-Sindku Saviour Borg ġibed l-attenzjoni li, fiċ-ċedola ta' pagamenti li tressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, jissemma xogħol li sar matul ix-xhur ta' Frar u Marzu li ma sarx bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Hu qal li l-ex Segretarja tal-Kunsill ma kinitx korretta meta awtorizzat li jsir xogħol fl-uffiċċju tal-Kunsill mingħajr ma ġabet l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsilliera. Minħabba f'hekk, kien hemm qbil unanimu li l-pagamenti ta' Jimmy Saliba relatati ma' *upgrading* ta' kompjuter fl-uffiċċju tal-Kunsill li sewa € 450 ma jiġux approvati. B'din l-ispiża kien jinxtara kompjuter ġdid. Il-Kunsill qabel ukoll li l-pagamenti tal-kumpanija Solar Engineering ma jiġux approvati.

Rigward il-kont tax-xogħol ta' manutenzjoni li għamel is-Sur Joe Grima fin-niċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni u l-kont tas-servizz tal-Perita Ivana Farrugia bħala *contract manager* tal-istess proġett, kien hemm qbil li dawn iż-żewġ pagamenti ma jiġux approvati qabel ma jiġi sottomess il-*final certificate report* min-naħa tal-istess Perita. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li proġett ma jistax jiġi konkluż u jsir il-ħlas qabel ma jkun ġie sottomess ċertifikat min-naħa ta' Perit li x-xogħol sar kif suppost.

Rigward il-kontijiet tal-kumpanija TC Cleaning Services għal servizzi ta' ġbir ta' skart goff (bulky refuse) matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2016, kien hemm qbil unanimu li li għandu jittieħed il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill rigward l-issues pendenti li hemm ma' din il-kumpanija. Dr. Jean Paul Grech attenda aktar tard matul din il-laqgħa.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li m'għandhomx jiġu approvati l-pagamenti ta' Oliver Farrugia relatati ma' diversi sinjali tat-traffiku fil-lokalita'. Dan peress li l-Kunsill qatt ma ta l-awtorizazzjoni tiegħu sabiex isiru dawn it-tabelli u sinjali tat-traffiku b'*direct order* u l-kont huwa għoli ħafna. Hawnhekk, is-Sindku Saviour Borg staqsa dwar kemm l-ex-Segretarja tal-Kunsill Odette Camilleri kienet etikament korretta tagħti numru ta' *direct orders* lil ħuha mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Rigward il-kont ta' Philip Formosa relatat mal-kiri ta' *scaffolding* għax-xogħol ta' restawr tan-niċċa tal-Kunċizzjoni li sar fix-xhur li għaddew, il-Kunsill ġedded id-deċiżjoni li kien ħa fil-laqgħa tal-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2016 u qabel li mill-kont tas-Sur Formosa għandu jinqata' l-ammont ta' € 80 li jkopri ż-żewġ *reflectors* li


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ntqal li nkisru waqt li dan l-i*scaffolding* kien armat għal dan ix-xogħol. Dan peress li biex isir rapport lill-kumpanija tal-assikurazzjoni, is-Sur Formosa kellu jagħmel rapport lill-Pulizija u jirritorna lura r-*reflectors* li allegatament inkisru waqt ix-xogħol, xi ħaġa li hu naqas li jagħmel.

Rigward il-kont ta' Odette Camilleri għax-xogħol li għamlet bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill sal-15 ta' Marzu 2016 (id-data meta tefgħet ir-riżenja tagħha), il-Kunsill qabel li għandna nivverifikawh qabel ma jintbagħat iċ-ċekk.

Wara li saru l-korrezzjonijiet u l-emendi meħtieġa, din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ġiet sospiża fid-9.00pm sabiex il-Kunsill seta' jiddiskuti xi punti mal-Avukat Dr. Jean Paul Grech LLD li ġie jiddiskuti xi punti mal-Kunsill relatati mal-pagamenti li qed jitlob il-kuntrattur Nicholas Zammit għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff (bulky refuse) fil-lokalita'. L-*online streaming* ġie ukoll mitfi peress li l-laqgħa kienet sospiża.

Wara li l-laqgħa tkompliet fid-9.30pm, il-Kunsill qabel unanimament li għandna ninkarigaw lill-Avukat Dr. Jean Paul Grech sabiex jiddraftja ittra legali li għandha tintbagħat lill-kuntrattur Nicholas Zammit u li fiha jissemmew il-punti li tqajmu waqt id-diskussjoni mal-istess Avukat.

8. <u>Aġġornament</u>

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2016 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Il-laqgħa spiċċat fl-9.45pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Saviour Borg | Ivan Attard |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555